



Brussell, 9 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6933/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0400 (COD)**

LIMITE

INST 97	CHIMIE 11
JUR 110	AGRILEG 38
CODEC 344	IND 72
CLIMA 46	COMPET 144
TELECOM 62	MAP 4
DEVGEN 31	POLARM 1
EMPL 97	COARM 84
SOC 133	CSDP/PSDC 122
ENER 98	CFSP/PESC 232
ENV 165	CONSOM 62
STATIS 15	SAN 81
ECOFIN 224	JUSTCIV 57
DRS 14	AVIATION 46
EF 68	TRANS 103
MI 159	MAR 32
ENT 43	UD 47

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: ST 5623/17; ST 5623/17 ADD 1 REV1	
Nru dok. Cion:	COM (2016) 799 FINAL ; COM(2016) 799 FINAL/2
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - Approċċ ġenerali parzjali

1. Fl-14 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - COM(2016) 799 final¹, li l-verżjoni sussegwentement ikkoreġuta tagħha tinsab f'COM(2016) 799 final/2.
2. L-eżami tal-proposta ġie assenjat lill-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza ("Adattament tal-RPS") apposta skont mandat, approvat mill-Coreper².
3. Fil-perijodu bejn l-20 ta' Marzu 2017 u s-26 ta' Frar 2018, il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza kellu 12-il laqgħa li fiha lesta l-eżami tal-proposta. L-eżami inkluda l-istadji li ġejjin fir-rigward ta' kull Taqsima tal-Anness 1 għall-proposta, kif ukoll fir-rigward tal-preambolu u t-termini normattivi: diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, l-abbozzar mill-ġdid tal-proposta mill-Presidenza wara l-eżitu tad-diskussjonijiet u, fl-aħħar, approvazzjoni proviżorja tal-abbozzar mill-ġdid fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma. B'riżultat ta' dan, ġie stabbilit test li jirrifletti l-appoġġ ta' delegazzjonijiet fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza.
4. L-Anness għal din in-nota fih il-preambolu u t-termini normattivi tal-proposta abbozzata mill-ġdid tal-Kummissjoni. It-Taqsimiet tal-Anness 1 għall-proposta tal-Kummissjoni huma ppreżentati fil-forma ta' addenda għal din in-nota u huma miġbura bil-mod li ġew diskussi u kif l-abbozzar mill-ġdid tagħhom ġie rieżaminat mill-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza.
5. Fir-rigward tal-immarkar użat, il-bidliet kollha li jikkonsistu minn test ġdid imdaħħal fil-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa** u l-bidliet kollha li jikkonsistu minn tħassir tat-test tal-proposta tal-Kummissjoni huma ppreżentati b' [...].

¹ Fl-istess jum il-Kummissjoni adottat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - COM(2016) 798 final. Nota punt I/A għall-finijiet li jinkiseb approċċ ġenerali parzjali fir-rigward ta' dik il-proposta hija ppreżentata b'mod parallel bħala ST 6932/18.

² ST 5707/17.

Atti li l-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza qabel li jitneħħew mill-proposta tal-Kummissjoni huma ppreżentati bin-numru mogħti lilhom fl-Anness 1 għall-proposta tal-Kummissjoni, segwiti minn [...].

Fir-rigward ta' xi ftit atti, il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza talab li jiġu posposti d-diskussjonijiet. Dawk l-atti huma ppreżentat bin-numru mogħti lilhom fl-Anness 1 għall-proposta tal-Kummissjoni, segwiti mit-titolu tagħhom u t-test emendatorju propost imdawwar b' [...]. Dawn ser ikunu soġġetti għal diskussjoni fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza aktar tard skont l-evoluzzjoni ta' proposti oħra tal-Kummissjoni li ġejjin jew li qed jiġu nnegożjati. Konsegwentement, l-atti mill-Anness 1 għall-proposta tal-Kummissjoni, li d-diskussjonijiet dwarhom ġew posposti, mhumiex koperti minn dan l-approċċ ġenerali parzjali u ser jinġiebu għall-attenzjoni tal-Coreper u tal-Kunsill fi stadju aktar tard.

6. Ir-Regolament propost huwa soġġett għal proċedura leġislattiva ordinarja. Fis-7 ta' Frar 2018 il-Parlament Ewropew approva d-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali biex jibdwu it-trilogi dwar il-proposta.

7. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew taw l-opinjoni tagħhom dwar il-proposti fl-1 ta' Diċembru 2017 u fl-1 ta' Ġunju 2017 rispettivament. Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ġie kkonsultat ukoll dwar il-proposta u ppreżenta t-tweġiba tiegħu fl-24 ta' April 2017.

8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tixtieq tressaq il-proposta, kif tidher fl-Anness u fl-addenda għal din in-nota, lill-Coreper u l-Kunsill sabiex tikseb approċċ ġenerali parzjali biex tidħol fi trilogi.

2016/0400 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja
bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62, l-Artikolu 64(2), l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 114, l-Artikolu 153(2)(b), l-Artikolu 168(4)(a), l-Artikolu 168(4)(b), l-Artikolu 172, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 207, l-Artikolu 214(3), u l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Lisbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġislattivi (atti delegati), u s-setgħat li ġew mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti implimentattivi).
- (2) Il-miżuri li jistgħu jkunu koperti mill-**[...]għoti** ta' setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) **jew fl-Artikolu 291(2)** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkorrispondu [...] ma' dawk koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/EC.
- (3) Proposti li saru qabel b'rabta mal-allinjament tal-leġislazzjoni li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju bil-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona⁵ ġew irtirati⁶ minħabba l-istagħnar fin-negożjati interistituzzjonali.
- (4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sussegwentement qablu dwar qafas ġdid għall-atti delegati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁷ u rrikonoxxew il-ħtieġa għall-allinjament tal-leġislazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona. B'mod partikolari, huma qablu dwar il-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tipprepara proposta għal dan l-allinjament sa tmiem l-2016.
- (5) Il-biċċa l-kbira tas-setgħat fl-atti bażiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 290(1) TFUE u għandhom jiġu adattati għal dik id-dispożizzjoni.
- (6) Setgħat oħrajn fl-atti bażiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 291(2) TFUE u għandhom jiġu adattati għal dik id-dispożizzjoni.
- (7) Meta jiġu mogħtija setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni, dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.

⁵ COM(2013) 451 final, COM(2013) 452 final u COM(2013) 751 final

⁶ (2015/C 80/08), ĠU C 80, 7.02.2015, p. 17.

⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (8) F'xi [...] atti bażiċi li attwalment jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju ċerti setgħat [...] għandhom [...] jitħassru.
- (9) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri pendenti li fuqhom il-kumitat diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (10) Ladarba l-adattamenti u l-emendi li għandhom isiru jikkonċernaw biss proċeduri fil-livell tal-Unjoni, dawn ma jkollhomx għalfejn, fil-każ tad-direttivi, jiġu trasposti mill-Istati Membri.
- (11) L-atti kkonċernati għandhom għalhekk jiġu emendati skont il-każ.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-atti elenkati fl-Anness huma emendati kif stabbilit fihom.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li fuqhom kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President Il-President